MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Rikors Numru. 33/2007/1

**Alfred Galea (ID No. 694941M)**

**vs**

**Alfred Chetcuti (ID No. 81627M)**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"Illi l-initmat jikri minghand l-esponent il-fond numru hdax (11) Cuschieri Street, Gzira u dan ghall-uzu ta' abitazzjoni u bil-kera ta' tmienja u sittin lira Maltija (Lm68) fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem li ghalqet (u giet rifjutat mill-esponenti bhal pagamenti precedenti) fl-1 t'April 2007;

Illi l- fond in kwistjoni mhux biss mhuwiex qieghed jigi wzat mill-intimat ghall-uzu li ghalih mikri u cioe' ghall-abitazzjoni izda wkoll thalla jaqa' fi stat ta' detorjorazzjoni kbira b'mod illi ma ghadux abitabbli u dan kif jirrizulta mid-diversi ritratti

hawn annessi li qeghdin jigu esebiti fuq folja wahda u mmarkati bhala dokument A.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond imsemmi numru hdax (11) Cuschieri Street, Gzira u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jistabilixxi dan il-Bord.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Frar 2007 kontra l-intimat li minn issa jibqa mharrek ghas-subizzjoni u salv kull azzjoni ta' danni spettanti lill-esponenti kontra l-intimat skond il-ligi;

Ra illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors promutur, naqas milli jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-provi mressqa ghal konsiderazzjoni ta' dan il-Bord jikkonsistu merament f'sett ta' ritratti li juru fond fi stat ta' abbandun ossia nuqqas ta' manutenzjoni fejn mill-istess ritratti jirrizulta illi l-fond inkwistjoni huwa msakkar b'katnazz kollu msaddad li jissugerixxi li dan mhux qed jintuza. Minkejja dan, r-rikorrent qatt ma deher f'dawn il-proceduri minkejja li kien debitament notifikat bl-avviz ghas-smiegh skond ir-riferta tal-Marixxal u minkejja li inghataw hames differimenti ghal provi tar-rikorrenti;

Illi ai termini tal-artikolu 33 tal-Kap 69, meta r-rikorrent ma jidhrix ghas-smiegh tar-rikors il-Bord jirrigetta t-talba bl-ispejjez kontra tieghu.

Ghalhekk il-Bord, in osservanza tal-artikolu 33 tal-Kap 69, jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------